# Mastru Indri Borg:
# Il-Banda ta' Indri jew Il-Ġenju ta' Indri
## minn Victor Scerri

Jekk il-Ġermaniżi jiftaħru li Beethoven kien ġenju mużikali għax kien trux, u kien jikteb dik il-kwalità ta' mużika, aħna l-Maltin ukoll għandna biex niftaħru b'dan il-persunaġġ, kif se taqraw iktar 'il quddiem. Forsi dan l-isem (Indri), aktar konna nużawh bħala kuljunazzjoni għal xi banda fqira, u konna ngħidu li qisha l-"Banda ta' Indri". Iżda, verament, min kien dan Indri?

Indri Borg twieled il-Belt Valletta nhar is-7 ta' Jannar, 1818, waqt li tgħammed l-għada, 8 ta' Jannar.

Bin Salvu u Antonia nee' Bonello. Hawn nixtieq ngħid li ta' sentejn, Indri, b'disgrazzja, tilef id-dawl t'għajnejh it-tnejn. It-toqol ta' din id-disgrazzja ma tantx tellef il-ħajja ta' Indri, tant li, ta' eta' żgħira, meta kien imur għall-quddies, u kien jisma' dik il-mużika, kien jintebaħ u jagħraf l-istrument li jkun qed jindaqq. U hawn, kemm missieru, kif ukoll ommu, meta raw il-kapacità tiegħu li jagħraf l-istrumenti, bagħtuh biex jistudja l-mużika għand wieħed mill-aqwa surmastrijiet popolari li kien hemm fil-Belt Valletta dak iż- żmien, Meastro Rull. Maestro Rull kien ukoll "Meastro di Cappella", tal-kon-Katidrall ta' San Ġwann.

Hawn tajjeb li wieħed jgħid li mużiċisti kbar dejjem kellhom konnessjonijiet mal-Knejjes. Prekursur tal-baned ta' pajjiżna.

Indri Borg ta bidu għall-ewwel banda ta' pajjiżna. Hemm argument dibattibbli dwar min kienet l-ewwel banda f'pajjiżna. Bla ma nidħol f'ebda polemika ta' min kienet l-ewwel Banda f'pajjiżna, jidher li ż-żewġ baned ewlenin kienu l-Banda "De Rohan" ta' Ħaż- | ebbuġ u l-Banda "L'Isle Adam" tar-Rabat, it-tnejn f'Malta.

Mastru Indri Borg kien is-Surmast tagħhom it-tnejn, u l-ewwel wieħed tagħhom, u dan kien fis-sena 1860. Jidher żgur li grupp ta' żgħażagħ Rabtin kienu diga' qegħdin jitgħallmu l-mużika, taħt Mastru Indri qabel dik is-sena, u kienu diga' daqqew fil-festa ta' Santa Katerina taż- | urrieq, izda ma kienux bħala banda uffiċjali.

Iżda tajjeb li wieħed jgħid, li skond l-istoriku, Pietru Pawl Castagna, fil-ktieb tiegħu Storja ta' Malta, l-ewwel banda nazzjonali saret f'Ħaż- | ebbuġ minn Mastru Indri Borg.

L-istess jgħid Dun Salv ~iappara fil-ktieb tiegħu Storia del Zebbug e sua Parrocchia, li kien ġie ppubblikat fl-1881, għax jgħid li Ħaż- | ebbuġ ra l-bidu ta' l-ewwel Banda Nazzjonali f'Malta, bl-isem "Societa Filarmonica del Zebbug". Jaħdmu għall-festa ta' SanĠużepp

Tajjeb li wieħed jinnota li dawn iż-żewġ baned li tagħhom Meastro Indri Borg kien l-ewwel surmast mużikali, huma t-tnejn għall-festa ta' SanĠużepp,fiż-żewġ

lokalitajiet, kemm f'Ħaż-Żebbuġ kif ukoll fir-Rabat.

Dawn iż-żewġ baned huma msemmijin għal żewġ granmastri u li t-tnejn kienu devoti ta' San Ġużepp. Għalkemm għidt dan kollu dwar dawn iż-żewġ baned ewlenin, jidher ukoll li l-banda San Filep ta' Ħaż- l ebbuġ (Malta), jista' kienet hi l-ewwel banda skond dokumenti li jinsabu fl-Arkivji tal-każin. Jien mhux se nidħol f'ċerti dettalji dwar liema verament kienet l-ewwel banda, iżda huwa fatt li Mastru Indri Borg kien Surmast ta' dawn it-tliet baned fl-istess sena, fl-1860, u dan jixhduh l-istess tifkiriet li jinsabu fit-tliet każini. Dan juri l-kobor ta' dan il-ġenju mużikali fi żmien primittiv għall-baned f'pajjiżna.

**L-ewwel noti kienu fuq ir-ram**
Għalkemm kien għami, Indri Borg ma ħalliex dan id-difett ifixklu. Huwa għeleb din il-kundizzjoni billi fetaħ opportunitajiet ġodda waħdu, għalih innifsu, għax ħassu kapaċi, u għax ried jagħti kontribut lill-iżvilupp mużikali tal-pajjiż. Fit-tieni volum tiegħu Rajt Malta tinbidel, il-kittieb u ġurnalista Herbert Ganado jiddeskrivi b'mod ħelu l-ħiliet ta' Indri Borg ... "L-ewwel noti fuq ir-ram semmagħhom lil pajjiżna dak ir-raġel għama li kien jismu Indri."

**Parruċċan Belti Dumnikan**
Indri Borg twieled il-Belt Valletta, fil-parroċċa Dumnikana tal-Portu Salvu, kif kienet magħrufa l-Knisja u l-parroċċa dak iż-żmien u kif hawn min għadu jirreferi għaliha saħansitra sal- lum. Indri twieled tmintax-il sena wara l-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta u kif għidna, ta' sentejn b'disgrazzja tilef id-dawl t'għajnejh. Ma nafux sewwasew x'kienet din id-disgrazzja. Nafu żgur iżda li spiċċa għami miż-żewġ għajnejn. Madanakollu dak li ma setax jara b'għajnejh kien jarah b'moħħ u għax żviluppa ħiliet li ssibhom għand ftit nies biss.

**Ma ħalliex dan id-difett ifixklu**
Ta' tifel qalbieni li kien u bl-għajnuna kollha u l-imħabba ta' missieru Salvatore u ommu Antonia, Indri ma ħalliex din id-disgrazzja titfgħu lura fil-ħajja u l-ambizzjoni prudenti tiegħu għenitu jibqa' miexi 'l quddiem.

Il-ġenituri tiegħu ntebħu dlonk li Indri mhux biss kellu moħħ u tajjeb imma kellu wkoll ġibda qawwija lejn il-mużika tant li sa minn eta' bikrija beda jagħraf il-ħsejjes ta' l-istrumenti mużikali ta' żmienu.

**Bagħtuh jistudja għand Maestro Rull**
Meta ommu u missieru raw l-imħabba kbira u ġibda qawwija li Indri kellu lejn il-mużika, bagħtuh għand wieħed mill-aqwa surmastrijiet u għalliema tal-mużika fil-Belt Valletta, Maestro Rull. Meastro Rull għaraf bilgri bil-ġenju ta' Indri li kien dara jara b'moħħ u minflok b'għajnejh u jitgħallem mingħajr taħbit ta' xejn. Indri kien ukoll juri entużjażmu partikolari waqt il-lezzjonijiet ta' l-aktar suġġett għall-qalbu, il-mużika. Għall-ewwel Maestro Rull beda jgħallmu jdoqq il-flejguta, (illum ngħidulu flawt), imma wara ftit beda jgħallmu wkoll il-klarinett li kien l-istrument li Indri Borg kien l-iktar jagħżel u jħobb. Għad li

tgħallem idoqq għadd ta' strumenti, fosthom il-kitarra, il-klarinett baqa' jdoqqu u jgħallmu saħansitra wara li sar surmast tal-baned ewlenin u magħrufa.

**Jikteb Trattat tal-Mużika**

Bla ma qatt biss ra partitura, Indri Borg, seħħ lu jikteb Trattat tal-Mużika. Mhux kif tgħallem il-mużika hu. Imma kif seħħlu jgħallimha lil ħaddieħor u kif seħħlu jiddettaha. F'dan it-Trattat, Indri jfisser bil-Malti l-armonija, il-partituri u l-kuntrappunt. Skond l-istoriku Ġ. Faure', fil-ktieb tiegħu Storja ta' Malta u Għawdex, ir-raba' volum, Indri Borg għamel fil-fatt, addattament ta' Trattat miktub fl-1885, minn letterat u mużiċist ewlieni. Jekk tistaqsuni imma kif dan, għama u seħħ lu jagħmel dawn l-affarijiet kollha u aħna jiġi żmien, fejn ma jkollna ħila nlaħħ qu ma xejn, inwieġeb li mhux kulħadd jitwieled ġenju.

**Arranġamenti mużikali**

Indri Borg kiteb jew għamel arranġamenti mużikali ġodda għal diversi Polki, Valzi, Kwadrilji, Marċijiet, Sonati u Innijiet. Fost dawn l-innijiet li kiteb, l-ewwel wieħed iddedikah lil San Duminku, liema innu ndaqq u tkanta mit-tfal nhar San Duminku tal-1860, fil-Belt. Kiteb ukoll innijiet iddedikati lil San Filippu, lil San Publiju, Lil Sant'Andrija kif ukoll lill-Madonna ta' Liesse. Il-versi ta' dawn l-innijiet inkitbu bit-Taljan minn Dun Ġużepp | ammit (Brighella), mill-Professuri Cesare Vassallo u Antonio Crescimanno u oħrajn. Ilkoll nies kbar fil-kamp letterarju u mużikali.

Nistħajjilkom tistaqsuni, imma għaladarba kien għama, x'kien jagħmel biex jikteb il-mużika? Kien jiktibha hu jew kien jiktibhielu ħaddieħor? Kif kien jasal li jaqraha u jifhimha? Nista' nweġibkom li Indri kien jimxi fuq mużika ta' ħaddieħor u kien jikteb huwa wkoll. Il-mużika kien jiktibha fuq injama li kellha l-Pentagramma, ir-rig mużikali bil-ħames linji mħaffrin biex huwa jkun jista' jħosshom b'subgħajh.

**Sistema primittiva ta' Braille**

Nistgħu ngħidu li Indri kien jużа sistema primittiva ta' Braille. Imbagħad kien jaqbad biċċiet tax-xama', li dejjem kien iżomm ħdejh, jagħmilhom boċċa boċċa ta' daqsijiet differenti u jwaħħalhom fuq ir-rig mużikali kull fejn ikun irid iqiegħed nota skond il-melodija li jkun qed joħloq. Wara dan, kien isejjaħ il xi ħadd viċin tiegħu u jqabbdu jikkopja dik il- mużika fuq il-karta sabiex ħaddieħor ikun jista' jdoqqha. Wara li jkun semagħha, kien imbagħad jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

**Indri u l-orgni**

Ngħidu li Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija. Fil-każ ta' Indri Borg nistgħu nikkonfermaw dan. Minkejja li d-dawl f'għajnejh mill-ġdid ma taħulux, tah għal mitt darba l-kuraġġ li ma jaqta' qalbu minn xejn u jħares dejjem 'il quddiem. Huwa tgħallem idoqq l-orgni imma mhux biss, għax għamel isem ukoll fix-xogħol tat-tiswijiet tagħhom. Minbarra l-orgni tal-katidrall ta' l-Imdina u ta' San Duminku tal-Belt Valletta, kif ukoll orgnijiet oħrajn imxerrdin ma' Malta kollha, Maestro Indri jibqa' jissemma' għall-biċċa xogħol kbira li kellu sabiex jerġa' jarma mill-ġdid l-orgni tal-knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfraġu, il-Belt ukoll.

**Iż-żwieġ ta' Indri u l-familja**
Indri Borg iżżewweg lil Marianna (kunjomha xebba) Ebejer, fis-sena 1848. Huma kellhom tifel li semmewh Ġużeppi. Meta tfarfar u tħarreg sew fil-mużika kien iħażżeż fuq il-karta l-melodija mużikali miktuba minn missieru fuq lavanja speċjali. Minbarra l-ewwel tagħlim ma' missieru, Ġużeppi kompla jitħarreġ taħt Maestro Giuseppe Malfiggiani u l-Kanoniku Luigi Fenech sakemm ikkwalifika bħala Surmast tal-Banda.

**Iwaqqaf il-King's Own Band Club**
KienĠużeppi, iben Indri Borg li fl-1874 waqqaf il-Banda La Stella, li mbagħad saret "Nazionale" jew Nazionale Vincitrice.
Kien ir-Re Dwardu ta' l-Ingilterra li bidlilha isimha f'King's Own. Ġużeppi ta bidu wkoll għall-Banda "Prince of Wales".

**L-ewwel baned organizzati**
Maestro Indri Borg naqqax ismu bil-kbir għaliex primarjament kien hu li waqqaf l-ewwel baned organizzati f'pajjizna. Moħħ u baqa' jaħseb x'sejjer jagħmel biex iwaqqaf banda kif suppost. Riedha komposta minn bandisti li jdoqqu dawk l-istrumenti li kienu jindaqqu fil-baned militari. Sadanittant Indri kien tgħallem l-istrumenti kollha. Kienet is-sena 1860 li Indri għaqqad grupp ta sittax-il bandist f'Ħaż- | ebbuġ biex ifforma l-ewwel banda formali. Wara ftit Indri waqqaf il-Banda "L'Isle Adam" fir-Rabat (ta' Malta).

**Ismu kiber b'ħidmietu**
Indri Borg stinka biex laħaq fejn laħaq. Ismu kien sar magħruf ġmielu. Indri Borg kien ifisser suċċess. Ma kellux bżonn reklamar. Kien bniedem b'ħafna doni sbieħ. Bħalma kibru l-baned u l-każini tagħhom matul iż-żmien. L-ewwel bandisti kienu aktarx joħorgu jdoqqu taħt xi niċċa ta' xi qaddis fil-kantuniera u fit-triqat tal-Belt, sabiex din il-banda forsi taqla' xi ħaġa u tkun tista' tgħix.

Għall-bidu l-bandisti kienu ftit, xi tnejn idoqqu l-volin, wieħed jonfoh fil-kurunetta, iehor iħabbat fuq it-tambur flimkien ma' mużiċisti oħrajn. Il-popolarità malajr xterdet. In-nies kienu jħobbuh qatiegħ dan id-daqq. Kienu jagħtu xi sold b'riżq il-banda imma l-akbar qliegħ kien jinġabar minn xi sinjur jistieden il-banda ddoqq warabiebdaru.

Il-baned prestiġjużi ta' Indri Borg kienu jdoqqu wkoll meta mistiedna għal xi okkazjonijiet varji, imma partikolari bħal magħmudijiet, żwiġijiet, gradwazzjonijiet, insomma f'festi memorabbli li naturalment kienu jkunu okkazjonijiet mill-aktar sbieħ. Kienu jkunu mistiedna meta xi ħadd ikun ilu msiefer u jiġi mis-safar u kienu jilqgħuh bil-banda, xi ħadd li jkun rebaħ xi kawża fil-qorti, u okkazjonijiet ċelebri oħra.

**Kompetizzjoni nġusta u deplorevoli**
B'xorti ħażina, minbarra l-mużiċisti ta' Mastru Indri, feġġew oħrajn, li biex jaqilgħu l-għixien tagħhom kienu jdoqqu fuq il-laneċ jew fuq il-ferrovija biex iferrħu lill-passiġġieri. Dawn kienu baned ta' kafkaf li kienu jdejjqu u jiffittaw u jurtaw lil kulħadd. Tant li ġew ipprojpiti mill-pulizija minħabba l-ksur tal-paċi pubblika.

Għalhekk ġara, li l-banda mgħallma li kellu Indri Borg, issa ħadet isem ħażin għax għad li ħadem u ħabrek ħajtu kollha għall-mużika, Indri qatt ma stagħna, baqa' fqir. Kif jiġrilhom dawk kollha li ma jaħdmux għall-ħxuna ta' bwiethom u l-ippuppar ta' żaqqhom, imma għax iħobbu xogħlhom u jemmnu fl-għemejjel tagħhom.

## Kif miet Indri Borg

Indri Borg miet xiħ, fqir u għama, fl-Imgieret, f'Ħal-Luqa, fil-għomor ta' 84 sena. Ibnu Ġużeppi kompla fejn ħalla missieru iżda għad illi l-partitarji tal-baned ta' żmienna jafu l-fama tagħhom u tal-banda tagħhom lil dan il-pijunier, xorta waħda jgħajjru lil xulxin bil-banda ta' Indri meta jqum xi għawg bejniethom. Ħasra. Għax il-baned kollha imisshom jafu l-istorja ta' dan il-pijunier ġenju kontemporanju u jimitaw l-għerf li kellu u d-dedikazzjoni personali għall-mużika. Indri Borg fl-isem tiegħu u fil-ħidma impressjonanti tiegħu fil-qasam mużikali ma jmut qatt. Indri Borg għandu jingħaraf aktar biex fil-ġejjieni ismu jibqa' jitlissen u jidwi ma' kullimkien.

## L-istorja mużikali Maltija

Jiena ta' l-idea li l-allievi ta' llum, minbarra l-prattika u t-teorija mużikali, għandhom ukoll jitgħallmu l-istorja tal-mużika Maltija u jekk hemm bzonn, ukoll dik barranija għax aħna mhux nippikaw ma' pajjiż ieħor irridu fil-kultura imma naħdmu flimkien biex insaħħu l-kulturi. Għax li kieku jitgħallmu dan l-allievi tagħna, il-ġenju mużikali ta' Indri Borg ma jintesiex. Nies bħal Indri Borg jagħmlu kuraġġ lil min jaqta' qalbu ma' l-iċken saram tal-ħajja. Ġenji mużikali ma jitwieldux kuljum. Imma bħal u daqs Indri Borg, ma jmutu qatt mill-memorja tagħna.

***Referenzi: Diskors Kommemorattiv minn Joe Flask***


HORACE ENTERPRISES LTD.
Trophies & Sports Goods | Importer & Wholesaler

**Horace Micallef**
*Director*

Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: [+356] 21696302 | Mob: [+356] 99420346 | Fax: [+356] 21693397
E-mail: horaceentltd@link.net.mt

www.horace-ent.com

